MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru 222/2009

PULIZIJA
SPETTUR IVAN CILIA
VS
JONATHAN CUTAJAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-Jonathan Cutajar, ta’ 25 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee’ Bonnici, imwieled tal-Pieta’ fis-7 ta’ Dicembru 1983, residenti ‘Edelweiss’, Triq Wied il-Ghajn, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 4084(M).

Illi huwa akkuzat talli f’April 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) Uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex dhalt f’xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg li

jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, kkoppja jew mmodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;
2) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kkoppja kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull mekjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;
3) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi pprevena jew ostakola d-dhul ghal xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;
4) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi gharraq it-thaddim ta' xi sistema, *software* jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi *data*;
5) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi ha pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;
6) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi nstalla, nehha, biddel, kkancella, qered, varja jew zied ma xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;
7) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi uza l-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*;
8) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kixef xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm-il darba dan ma jkunx mehtieg f'qadi ta' dmirijietu jew b'xi ligi ohra;
9) U aktar talli fl-istess hin, data u cirkostanzi uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ttraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet jew inkella uza b'mod mhux kif imiss.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti tikkundanna lill-imputat, Jonathan Cutajar, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 337C 1(a), 1(c), 1(d), 1(e), 1(f), 1(g), 1(h), 1(j), 2(a), 337F tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghedu taht Ordni ta’ Probation ghal tmintax (18)-il xahar taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Service jew Probation Officer iehor minnu nominat li ghandu jirraporta fuq il-progress o meno ta’ l-imputat kull sitt (6) xhur.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti rat l-eta’ ta’ l-imputat, l-fedina penali nadifa netta ta’ l-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------